# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017**

**Kawza Numru : 38**
**Rikors Guramentat Numru : 866/2017/LSO**

**Mary Grace Tonna (li ghandha l-karta tal-identita` bin-numru 428586(M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mary Grace Tonna (li ghandha l-karta tal-identita` bin-numru 428586(M)) datat 22 ta’ Settembru 2017 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti twieldet fid-dsatax (19) ta' Settembru elf disa' mija sitta u tmenin (1986) u giet registrata bl-isem ta’ “Mary Grace Tonna”, u dana hekk kif jidher mill-att tat-twelid taghha li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkat bhala **Dokument MG1**, numru erbat elef mitejn u hamsa u tmenin (4285) tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986).

Illi minn twelidha l-esponenti ghalkemm registrata bl-isem "Mary Grace" dejjem kienet tissejjah bl-isem "Megan", u dan l-isem intuza fil-konfront taghha mhux biss mill-familjarji taghha izda anki minn konnoxxenti taghha u sahansitra min-nies li jahdmu maghha u mit-tfal li jkollha taht il-kura taghha hi;

Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza l-esponent kienet u ghadha konsistentement tissejjah bl-isem "Megan" u mhux bl-isem "Mary Grace", u ghaldaqstant qed tintavola dawn il-proceduri *ai termini* tal-artikolu 253 sub-artikolu (2), (3) tal-Kap.1.6 tal-Ligijiet ta[1] Malta.

Illi r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem "Megan" u dan kif jirrizulta mid-dokument esebiti u mmarkati bhala **Dokument MG2 sa Dokument MG9;**

Illi l-esponenti tixtieq li mhux biss tkun maghrufa bhala "Megan" min-nies li jafuha izda tkun ufficjalment maghrufa bhala "Megan" anke fuq id-dokumenti pubblici;

Illi l-esponenti ser tizzewweg f'Dicembru u tixtieq li din il-korrezzjoni ssir sa qabel ma' tizzewweg halli isimha jkun hekk rifless ukoll fl-att taz-zwieg taghha;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett illi, prevja kull dikjarazzjoni ohra: -

1. Jigi dikjarat illi l-esponenti konsistentement kienet u ghadha tissejjah bl-isem "Megan" minflok bl-isem li jidher fl-att tat-twelid taghha u cioe' "Mary Grace";

2. Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, isir tibdil fl-att tat-twelid tal-esponenti fis-sens illi din tigi registrata bl-isem "Megan" minflok "Mary Grace"; u tordna li jsir tibdil ukoll f'kull att iehor fejn hemm isem l-esponenti fis-sens illi din tigi registrata bl-isem "Megan" minflok "Mary Grace";

3. Tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil effettwat fl-att tat-twelid tal-esponenti bir-registrazzjoni msemmija aktar 'l fuq jigi rifless f'kull att iehor.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2017.

Rat ir-rikors ta' Mary Grace Tonna datata 20 ta' Ottubru 2017 a fol 25 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex joghgobha tappunta dan ir-rikors mahluf ghal data aktar fil-vicin, tenut kont li l-partijiet huma kollha notifikati; u l-Qorti bid-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru 2017 irrikjamat il-kawza ghas-7 ta' Novembru 2017 fid-9:30am. Ordnat li jergghu johorgu l-avvizi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta' Ottubru 2017 (fol 32) fejn Dr. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu *254* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tiddikjara li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi d-dokument tal-Att tat-Twelid u kartolini, annessi mar-rikors guramentat ma humiex prova sodisfacenti sabiex ir-rikorrenti tipprova li isimha huwa maghruf bhala 'Megan' u dan kif proprju jezigi

l-Artikolu 253 sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Barra minn hekk, l-esponenti jishaq ukoll illi l-isem 'Megan' huwa totalment differenti minn 'Mary Grace' u li fil-fatt ma hemm l-ebda assoccjazzjoni bejn it-tnejn;

4. Illi ghalhekk isegwi illi huwa essenzjali li r-rikorrenti ghandha tipprezenta iktar provi u/jew tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew affidavits ta' familjari, hbieb u konoxxenzi tar-rikorrenti li ghandhom isahhu l-pozizzjoni tar-rikorrenti, ossia li tul hajjitha din kienet konsistentament msejha bhala 'Megan' u mhux 'Mary Grace';

5. Illi *di piu'* minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m' ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrenti John M. Tonna li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem tar-rikorrenti, u ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba s-Sur John M. Tonna, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u *stante* dan, l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

6. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed titlob illi barra li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta'

4285 tas-sena 1986, ghandha ssir ukoll korrezzjoni fuq id-dokumentazzjoni l-Atti Civili. Illi sabiex ikun hemm tali tibdil f’ kull att iehor tal-istat civili *a tenur* tal-Artikolu 253 sub-inciz 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

7. Illi ghaldastant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

8. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti li gew mizmuma fejn fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2017 meta ssejhet il-kawza dehret Dr Darlene Grima ghall-attrici. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx provi ulterjuri, u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Billi t-talba giet tratta b'urgenza, l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Novembru 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-3 ta' Ottubru 2017 (fol 23) b'hekk it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha fuq l-att tat-twelid registrat bhala "Mary Grace" jinbidel f'"Megan" billi hija ilha konsistentement maghrufa b'dan l-isem u dan fit-termini tal-**artikolu 253(2) tal-Kodici Civili ta' Malta.**

Illi in sostenn tat-talba taghha r-rikorrenti esebiet kartolini u diversi affidavits b'turija li ilha maghrufa fil-hajja socjali taghha bl-isem *Megan* u dan a soddisfazzjon ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba maghmula fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat ghandu ragun biex jopponi ghal din it-talba billi r-rikorrenti ma indaktx l-atti kif mehtieg b'dik id-disposizzjoni. Ghalhekk din it-talba ser tigi michuda.

Rigward il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti taqbel li ma jistax jigi addebitat xi zball lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u kwindi ser tilqa' din l-eccezzjoni sollevata mill-intimat.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet kif spjegat billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-esponenti konsistentement kienet u ghadha tissejjah bl-isem "Megan" minflok bl-isem li jidher fl-att tat-twelid taghha u cioe' "Mary Grace";

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens li tordna illi *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, isir tibdil fl-att tat-twelid tar-rikorrenti numru erbat elef, mitejn u hamsa u tmenin tas-sena elf, disa' mija u sitta u tmenin (4285/1986) fis-sens illi minflok l-isem 'Mary Grace' jitnizzel l-isem 'Megan' .

3. Tichad it-tielet talba in kwantu mhux konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni/annotazzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien massimu ta' ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-

sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Novembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2017**